



DIRECTORATE GENERAL FOR INTERNAL POLICIES
POLICY DEPARTMENT D: BUDGETARY AFFAIRS

Creating greater synergy between European and national budgets

**Executive summary of the study in:
Maltese**

DV\816413MT.doc

MT

MT

NOĦOLQU SINERĠIJA AKBAR BEJN IL-BAĠITS EWROPEJ U DAWK NAZZJONALI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan l-istudju analizza l-infiq kemm fil-livell tal-UE u kemm f'dak nazzjonali f'għadd ta' oqsma ta' politika: l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-politika soċjali, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-ghajjnuna umanitarja, u l-politika barranija u ta' sigurtà komuni. Irreveda wkoll il-mekkaniżmi u l-procetti li għandhom l-għan li jiżguraw il-koordinazzjoni baġitarja bejn iż-żewġ livelli. L-analiżi kopriet l-objettivi ta' gwida baġitarji u ta' politika ta' dawn il-ħames oqsma, abbażi ta' riċerka mwettqa f'erba' Stati Membri – il-Belġju, Franza, is-Slovenja, u l-Portugall. Abbażi ta' analiżi tal-pubblikazzjonijiet relatati u ta' intervisti ma' uffiċjali kemm fil-livell tal-UE u kemm f'dak tal-Istat Membru, twettqet evalwazzjoni tal-mekkaniżmi u l-proċeduri attwali għall-koordinazzjoni tal-infiq mill-UE u mill-pajjiż, kif ukoll tar-raġunijiet tan-nuqqas ġenerali ta' sinerġija bejn il-livell Ewropew u dak nazzjonali.

L-infiq mill-baġitt tal-UE jikkorrispondi biss għal madwar 2 % tal-infiq pubbliku totali fl-UE. Fil-politika soċjali, l-edukazzjoni u l-politika barranija/ta' sigurtà, is-sehem tal-infiq mill-UE fl-infiq pubbliku totali huwa partikolarment żgħir meta mqabbel mal-infiq nazzjonali. Huwa relattivament ogħla fir-rigward tal-ghajjnuna għall-iżvilupp u tar-riċerka u l-iżvilupp.

Is-sinerġija, inġenerali, bejn l-objettivi strateġiċi ta' politika tal-UE u l-politiki baġitarji hija dgħajfa. Parti żgħira biss mill-baġitt tal-UE qed tintefaq fuq attivitajiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' Lisbona. U fil-livell tal-Istati Membri – ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet, li nsibuhom primarjament fil-politika rejonali – huwa rari li l-baġitt nazzjonali jirreferu għall-kontribut tagħhom għall-kisba tal-objettivi tal-istrateġija ta' Lisbona jew strateġiji oħra tal-UE.

Ġeneralment, il-prijoritajiet ta' politika tal-erba' Stati Membri fil-ħames oqsma politiċi huma konsistenti ma' dawk tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ghajjnuna għall-iżvilupp u tal-politika barranija/ta' sigurtà. L-Istati Membri kollha jimpenjaw ruħhom biex jiksbu l-Għanijiet tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti u biex jappoġġjaw il-Konsensus Ewropew dwar l-iżvilupp. Fil-politika dwar l-edukazzjoni u l-politika soċjali, it-tagħlim tul il-ħajja u t-tisħiħ tal-flessibilità u tal-impjegabilità tal-ħaddiema qed jiksbu importanza li kull ma jmur dejjem qiegħda tikber fl-erba' Stati Membri li huma, f'konformità mal-politiki tal-UE. Barra minn hekk, fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp, l-Istati Membri iktar ma jmur iktar qed jallinjaw l-istrateġija tagħhom ta' riċerka u żvilupp u l-metodi nazzjonali ta' finanzjament mal-objettivi u l-funzjonament tal-programm ta' riċerka tal-UE. Kif wieħed jista' jistenna, l-allinjament tal-prijoritajiet ta' politika huwa qawwi fl-oqsma ta' politika fejn l-

eleġibilità għal fondi mill-UE hija suġġetta għal ħtiġijiet ta' kofinanzjament – bħal, pereżempju, il-politika ta' koeżjoni. Dan japplika b'mod partikolari għall-Istati Membri fejn is-sehem relattiv tal-infiq mill-UE huwa ogħla mill-infiq pubbliku.

Il-persuni intervistati jaqblu li, minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali u l-iskarsezza tar-riżorsi finanzjarji, hemm bżonn kbir ta' koordinazzjoni aħjar kemm bejn l-oġġettivi ta' politika fil-livell tal-UE (pereżempju, l-oġġettivi ta' Lisbona u dawk tal-UE 2020, il-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp eċċ.) u kemm bejn l-oġġettivi ta' politika Ewropej u nazzjonali f'ħafna oqsma. Tali koordinazzjoni tista' twassal għal sinerġija ikbar bejn l-infiq fil-livell Ewropew u dak nazzjonali filwaqt li jiġu rispettati u msaħħa s-sussidjarjetà, l-addizzjonalità, il-valur miżjud Ewropew u l-vantaġġi tal-ekonomiji ta' skala.

Filwaqt li ġew identifikati ftit eżempji ta' mekkaniżmi formali ta' koordinazzjoni baġitarja, dan ma jfissirx li koordinazzjoni ma teżistix. Il-gvernijiet nazzjonali ma jistgħux jinjoraw il-politika tal-UE dwar l-infiq pubbliku. L-istrateġiji baġitarji nazzjonali qed jirrikorru dejjem aktar għal fondi tal-UE biex jikkomplimentaw l-isforzi tagħhom stess.

Teoretikament, l-UE u l-Istati Membri jikkoordinaw il-politiki tagħhom permezz ta' firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ħafna drabi implíciti, bħalma huma n-netwerks, il-prattiki ta' valutazzjoni komparattiva u r-reviżjonijiet bejn il-pari, il-Linji Gwida Wesgħin tal-Politika Ekonomika u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Il-persuni intervistati, għalkemm irrikonoxxew ir-rilevanza tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għall-ħolqien ta' sinerġiji baġitarji, jammettu li dawn tal-aħħar mhumiex implimentati ta' spiss. Il-Linji Gwida Wesgħin tal-Politika Ekonomika u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, b'mod aktar ġenerali, jitqiesu bħala strumenti b'effetti limitati ta' koordinazzjoni u konverġenza peress li ma jinkludux mekkaniżmi ta' sanzjoni.

Barra minn hekk in-nuqqas ta' konnessjoni bejn il-proċeduri baġitarji fl-Istati Membri u dawk fil-livell tal-UE huwa ppreżentat bħala raġuni għan-nuqqas ta' sinerġija baġitarja attwali. Kwistjonijiet bażiċi bħat-tul taċ-ċikli baġitarji u l-arranġamenti relatati dwar il-ħin kif ukoll in-nuqqas ta' struttura standard għall-baġitt li tkun aċċettata madwar l-Ewropea kollha qed jikkomplikaw it-tfittxija għal sinerġija.

Il-ħtiġijiet ta' kofinanzjament relatati ma' ċerti tipi ta' fondi tal-UE jwasslu għal ċertu ammont ta' riorjentament fir-rigward tal-infiq nazzjonali u għal riorjentament *de facto* tal-prijoritajiet ta' politika tal-Istati Membri. Dan japplika b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li aktar mill-oħrajn jiddependu mit-trasferimenti baġitarji fi ħdan l-UE.

Fil-qasam tal-politika soċjali, il-ħtiġijiet ta' kofinanzjament tal-FSE u tal-FEŻR jirriżultaw f'allinjament miżjud tal-prijoritajiet ta' politika bejn iż-żewġ livelli u

jaffettwaw il-baġits nazzjonali. Madankollu, dan l-effett ta' influwenza pożittiva huwa limitat u inqas viżibbli fl-Istati Membri li relattivament qed jirċievu ftit flus, bħall-Franza u l-Belġju.

Fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp, hemm evidenza ta' allinjament li dejjem jikber bejn il-baġits nazzjonali u dawk tal-UE wara ż-żieda sostanzjali fir-riżorsi finanzjarji tas-Seba' Programm Qafas li għamlitu relattivament aktar importanti bħala parti mill-fondi nazzjonali totali għar-riċerka.

Fl-edukazzjoni, l-Istati Membri mhumiex obbligati jissupplimentaw l-infiq tal-UE. L-effett ta' influwenza importanti tal-fondi tal-UE huwa primarjament limitat għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni politika, pereżempju permezz ta' Prattiki ta' Valutazzjoni Komparattiva.

Fil-qasam tal-ghajjnuna għall-iżvilupp, diversi Stati Membri qed jittrasferixxu lejn l-UE parti mill-ghajjnuna nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp, għall-ġestjoni tagħha mill-Kummissjoni għal għanijiet tal-UE. Dan huwa eżempju interessanti tal-isforz tal-Istati Membri biex jiksbu impatt aktar qawwi permezz tal-isfruttament tal-ekonomiji ta' skala li qed jinħolqu mill-ippuljar tal-fondi għall-ghajjnuna għall-iżvilupp.

Fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà, hemm evidenza limitata ta' koordinazzjoni baġitarja bejn il-baġits tal-UE u dawk nazzjonali. Il-politika barranija u ta' sigurtà għadha apprezzata ħafna bħala qasam ta' politika b'dimensjoni nazzjonali qawwija, minkejja l-allinjament dejjem jikber tal-prijoritajiet ta' politika fil-livell tal-UE. Kemm fil-qasam tal-politika dwar l-iżvilupp u kemm f'dak tal-politika barranija u ta' sigurtà, il-ħolqien tas-Servizz Ewropej ta' Azzjoni Esterna se joffri opportunità eċċellenti biex tinholqu aktar koordinazzjoni.

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin jistgħu jsaħħu l-koordinazzjoni baġitarja bejn il-baġits tal-UE u l-baġits nazzjonali:

L-ewwel, it-trasparenza u l-viżibilità tal-koordinazzjoni baġitarja bejn iż-żewġ livelli jistgħu jissaħħu permezz ta' *allinjament tal-kategoriji ta' nfiq bejn il-livell tal-baġits nazzjonali u dak tal-baġits tal-UE*. Bħalissa ma teżistix analiżi globali tal-finanzi pubbliċi Ewropej – li titlob dejta paragonabbli u ta' kwalità għolja dwar il-taqsim funzjonali tal-infiq tal-gvernijiet. Bħalma qed jagħmel fil-każ tal-baġits nazzjonali, l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej jista' wkoll jallinja l-kategoriji korrenti ta' nfiq tal-baġits tal-UE mal-kategoriji tal-Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG) – mingħajr ma jsiru tibdiliet fl-istruttura tal-baġits tal-UE –, bil-għan li jkun possibbli l-paragun simultanju, fi ħdan qafas analitiku wieħed, bejn l-istrutturi nazzjonali u dawk tal-UE fir-rigward tal-infiq pubbliku.

It-tieni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiftiehem li fil-baġits nazzjonali tagħhom jinkludu deskrizzjoni qasira tal-impenji finanzjarji tagħhom u tal-isforzi

biex jimplimentaw l-objettivi u l-istrateġiji tal-UE. Dan jista' jipprovdi opportunità biex il-gvernijiet u l-parlamenti jorbtu l-objettivi nazzjonali mal-impjenji miftiehma fil-livell tal-UE. B'hekk, kien ikun ukoll stabbilit qafas li fi ħdanu jista' jiġi stabbilit l-infiq mill-UE u dak nazzjonali u jista' jkun provdut intuwitu tal-effetti ta' importanza finanzjarja importanti tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE.

It-tielet, ikun xieraq li l-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew jgħaqqdu l-isforzi tagħhom favur it-tisħiħ tal-koordinazzjoni baġitarja bejn iż-żewġ livelli. Barra l-forum li jeżisti fil-livell tal-Kunsill, diskussjonijiet bejn il-Parlament tal-UE u l-parlamenti nazzjonali – it-tnejn b'setgħat baġitarji – jistgħu jservu bħala mezz effikaċi biex isir progress fil-koordinazzjoni baġitarja msaħħa u biex l-awtoritajiet nazzjonali jitħeġġu biex jikkunsidraw b'aktar attenzjoni l-infiq mill-UE fil-livell tal-baġits nazzjonali. Diskussjonijiet bħal dawn jistgħu wkoll jiffukaw fuq il-punti dgħajfin li ġew identifikati f'dan ir-rapport u fuq il-koordinazzjoni meħtieġa għal kategoriji speċifiċi ta' nfiq.